**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum l-4 ta' Ottubru, 2024**

**Rikors numru: BCT/47/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Anthony Camilleri B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Kenneth Abela obo Delimara Bay Hotel Limited**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**Ra r-rikors tal-appell preżentat mill-appellant fejn permezz tiegħu huwa ppremetta u talab is-segwenti:**

1. *Dan l-appell qed isir wara li l-esponent gie notifikat b'Avviz ta' Pemali Amministrattiva mahrug mill-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni skond 1-Att dwar l- Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kap. 623 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regolamenti tal-2022 dwar il-Gestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08, datat 22 ta' Settembru 2023, u dan senjatament fir-rigward tas-sit "Delimara Hotel", Triq Delimara, Marsaxlokk, Malta.*

2. *L-esponent hass ruhu aggravat minn dan l-Avviz u qed jinterponi dan l-appell minnu, ai termini tal-ligi*

*Aggravji*

3. *L-Awtorita' iddecidiet li fil-21 ta' Settembru 2023 kien hemm "haddiem jopera makkinarju fuq is-sit ta' kostruzzjoni" f'festa pubblika bi ksur tal-L.S. 623.08.*

*4. L-esponent ma jistax jifhem kif l-Awtorita' ddecidiet li hu responsabbli, li sar xoghol ta' kostruzzjoni.*

4. *Effettivament l-esponent jifhem, li dak li l-Awtorita' trid tghid fl-avviz taghha, huwa li hu kiser ir-regolament 6 jew 9 tal-L.S. 623.08.*

*Ir-Regolament 6 jghid hekk:*

5. *Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet specifici stipulati fi kwalunkwe ligi oħra, kwalunkwe klijent li jwettaq jew jikkommissjona xogħlijiet għandu jiżgura li x-xogħol isir b'tali mod li jikkawża l-inqas inkonvenjent billi jiżgura illi jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Skedi.*

*Ir-regolament 9 imbaghad jghid hekk:*

*9. (1) L-Awtorità tista' toħroġ u sservi avviż tal-infurzar fejn ikun hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ewwel u, jew tat-Tieni, u, jew tat-Tielet, u jew tar- Raba' Skedi, u penalitajiet ammistrattivi skont id-Disa' Skeda mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe penali amministrattiva jew ammont li huwa dovut lil Awtorità skont l-Att.*
*(2) L-Awtorità għandha timponi penali amministrattiva kull jum skont id- Disa' Skeda minn l-ewwel ġurnata wara l-perjodu stipulat fl-avviż tal-infurzar li matulu t-trasgressur kien ordnat li jirrimedja s-sitwazzjoni sal-ġurnata li s- sitwazzjoni tkun giet effettivament rimedjata.*
*(3) Kull penalitajiet amministrattivi imposti taħt dan irregolament għandhom fil-każijiet kollha jkunu dovuti lill-Awtorità bħala dejn civili u fejn trasgressur jokkupa kariga ta' direttur, segretarju jew manager ta' kumpanija għall- benefiċċju ekonomiku għal min il-ksur ġie kommess, tali kumpanija għandha tkun responsabbli in solidum għal tali dejn civili.*

*(4) Mingħajr preġudizzju għall-Att, jew kwalunkwe liġi oħra, kwalunkwe persuna li bi kwalunkwe mezzi li jkunu, tfixkel jew tostakola lil xi uffiċjal tal- awtorità kompetenti mill-eżerċizzju talpoteri jew funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, jew tonqos milli tikkonforma ma' xi ordni mogħtija lilha minn uffiċjal tal-awtorità kompetenti, jew tonqos milli tassistih fit-twettiq tad- dmirijiet tiegħu jew tforni lit-tali uffiċjal b'informazzjoni falza għandha tkun ħatja ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti u meta tinstab hatja għandha tehel penali amministrattiva ta' mhux inqas minn mija u ħamsin euro (€150) u mhux aktar minn tliet mitt euro (€300):*

*Iżda li l-penali amministrattiva m'għandhiex tkun inqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux aktar minn elfejn euro (€2,000), fejn il-ksur jiġi kommess:*

*(a) fil-prossimità immedjata ta' bini skedat li jkun dikjarat bħala tali mill- awtorità kompetenti, monument pubbliku, mużew, post ta' qima, sptar jew skola;*

*(b) fil-prossimità immedjata ta' Sit ta' Wirt Dinji dikjarat bħala tali mill- UNESCO jew ta' żona ta' konservazzjoni urbana dikjarata mill-awtorità kompetenti;*

*(c) fil-prossimità immedjata ta' Riserva Naturali, Park Storiku, Park Nazzjonali, ġnien pubbliku, jew bandli;*

*(d) fil-prossimità immedjata ta' bajja pubblika jew promenade; jew*

*(e) fil-prossimità ta' kwalunkwe sit, żona, post jew spazju miftuħ ieħor kif il- Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien:*

*(5) Kwalunkwe azzjonijiet li l-Awtorità tieħu taħt dawn irregolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni kriminali jew ċivili li l-Awtorità jista' jidhrilha xierqa ficcirkostanzi*

*Id-Disa' Skeda, imbaghad, tistabbilixxi l-penali minima ghal "xogħlijiet mhux awtorizzati fil-Hdud u l-Festi Pubblici u xogħlijiet barra mill-hinijiet permissibbli" ghal €500 u dik massima ghal €2,500.*

*Fl-istess waqt, it-Tielet Skeda (li titkellem dwar Regolamenti 6 u 9) tistabbilixxi (Regolament 1 (b) (ii)) li m'ghandux ikun permissibbli li jigi wzat drill pnewmatiku... fil-festi pubblici u li (Regolament 1 (d)) l-ebda xoghlijiet ta' kostruzzjoni m'għandhom isiru fil-Hdud u l-festi pubblici.*

6. *M'hemmx dubju, anke mir-ritratti mehuda mill-ufficjali tal-Awtorita', li l- avviz in kwistjoni ma jittratta ebda uzu ta' makkinarju pnewmatiku.*

7. *Jirrizulta wkoll, anke mir-ritratti mehuda mill-Awtorita' li ma kien hemm ebda xogholijiet ta' kostruzzjoni.*

8. *Ghall-kuntrarju, jirrizulta li l-uniku haddiem li kien hemm prezenti fuq is-sit kien qed juza makkinarju biex 'inaddaf' is-sit minhabba li, b'rizultat tax-xita kien akkumula r-ramel li beda jimbotta mal-hajt tal-hoarding, u dawn ix-xoghlijiet - la ta' kostruzzjoni, u wisq anqas imwettqa minn makkinarju tal-"musmar" kienu necessarji biex tigi prevenuta (b'mod urgenti) hsara fil-proprjeta', jew imqar li jikkollassaw hitan tal-hoarding.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha u dawn kollha li jirrizultaw fil-kors ta' dana l-appell, l-esponent jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jirrevoka fis-shih 1-Avviz ta' Infurzar u/jew Penali hawn fuq referut tat-22 ta' Settembru 2023 fis-shih, u dan prevja kwalunkwe provvediment li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun.*

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi l-uffiċjali tal-Awtorita' dakinhar tal-akkadut irraportaw li kien hemm xogħol ta' kostruzzjoni permezz ta' drill pnewmatiku, kif ukoll xi xogħol relatat ma "welding", liema ser jkun ikkonfermat mil-uffiċjal inkarigat waqt it-trattazzjoni tal-appell odjern;*

3. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell huwa dwar multa imposta mill-Awtorita' intimata in segwitu ta' xogħlijiet li allegatament seħħew nhar il-21 ta' Settembru, 2023.

L-appellant, Kenneth Barbara, xehed f'dawn il-proċeduri u spjega li minħabba l-maltemp li kien seħħ, xi bricks u terappin li kien hemm fuq is-Sit kien inġarr u kien qed joħloq periklu fuq is-sit. Għaldaqstant huwa ordna l-ħaddiema sabiex iwettqu xi tindif. Hu jispjega li parti minn dan it-tindif saret permezz tal-'*bucket'* u ma ġie użatt ebda martell jew musmar li tħaffer. Dak huwa li kien qed isir nhar il-21 ta' Settembru, 2023.

Xehed ukoll Stephen Mallia li kien wieħed mill-uffiċjali inkarigat minn din il-kwistjoni. Huwa ikkonferma li meta marru fuq is-sit sabu persuna waħda fuq is-Sit u saret komunikazzjoni miegħu dirett. L-ebda komunikazzjoni mas-Site Manager ma saret peress li kwalunkwe tentattiv kien falla. Hu ikkonferma li lill-persuna li sabu fuq is-sit rawh fl-inġenju magħruf bħala l-*bucket* iżda ebda xogħol ta' skavar ma kien qed iseħħ. Hu jikkonferma li ma rawh jagħmel ebda xogħol. Jikkonferma ukoll li ma kien hemm inġenju li kien qed jiġi operat.

It-Tribunal jibda biex jagħmel referenza lejn x'tgħid il-liġi u ċioe l-Avviż Legali 340 tal-2022. Kif stabbilit f'sentenzi preċedenti, l-Avviż Legali ma jiprojbixxix kwalunkwe xogħlijiet milli jsiru iżda jillimita dan għal "xogħlijiet ta' kostruzzjoni". Kostruzzjoni huwa definit bl-att prinċipali, l-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"kostruzzjoni" tfisser kwalunkwe att jew operazzjoni ta' inġinerija meħtieġa għal jew relatata mat-titjib tas-sit, it-tlugħ, l-estensjoni, it-tibdil, it-tiswija ta' bini jew struttura u "mibnija" għandha tinftiehem f'dan is-sens;*

It-Tribunal iqis li l-liġi hija ċara f'dak li għandu jkun projbit fi Ħdud u festi pubbliċi.

It-Tribunal jinnota li mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-uffiċjali tal-Awtorita' raw isiru xi xogħlijiet.

*Avukat: Sewwa pero' jekk fhimtek sew ukoll, lil dan ir-raġel x'ħin wasaltu fuq is-sit, rajtu riekeb fil-makkinarju pero' dak il-ħin li wasaltu sal-mument li waqqaftuh, xogħol ma rajtuhx jagħmel.*

*Xhud: Le hija hija, iva, naqbel miegħek.*

Wisq anqas ma raw isir xi att jew operazzjoni ta' inġinerija. Dak li l-uffiċjali raw kien li raw persuna f'*bucket.* L-uffiċjal tal-Awtorita', Stephen Mallia, jikkonferma li ma rawhx jagħmel xi xogħol. It-Tribunal iqis li ma nġibietx prova suffiċjenti li tikkonvinċi lit-Tribunal li dak li kien qed isir kien kontra l-liġi. Dak li kien qiegħed isir fil-każ in kwistjoni ma huwiex meqjus bħala operazzjoni ta' inġinerija li għandu l-iskop identifikat fl-istess definizzjoni.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-appell u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata li permezz tagħha imponiet il-penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500).

**Decide**

Dan it-Tribunal għa-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-appell u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata fil-konfront tal-appellant Kenneth Abela obo Delimara Bay Hotel Limited datata it-22 ta' Settembru, 2023.

********************* VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL*********************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ.Anthony Camilleri** |
| **Chairperson** | **Membru** | **Membru** |